

## V

(Avviżi)

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6664 – Al Safi Danone/NDL International/ND Logistics LLC JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

**(2012/C 242/09)**

1. Fit-2 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriżi Al Safi Danone, ikkontrollata minn Danone SA ("Danone", Franzia) u NDL International, proprejtà tal-grupp Norbert Dentressangle (Franza), jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll konġunt ta' ND Logistics LLC permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriżja konġunta.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Al Safi Danone: il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti friski tal-ħalib, meraq, deżerti u ħalib fil-Lvant Nofsani. Tifforma parti mill-grupp Danone, manifattur ewljeni fid-dinja ta' prodotti tal-ikel, b'mod partikolari ta' prodotti tal-ħalib, ilmjiet, ikel għat-trabi u prodotti ta' nutrizzjoni b'effett mediku,
- NDL International: servizzi loġistiċi. Tifforma parti minn Norbert Dentressangle, fornitur ewljeni madwar id-dinja ta' servizzi ta' loġistika, trasport u ta' twassil ta' merkanzija,
- ND Logistics LLC: Impriżja konġunta attiva fis-servizzi ta' loġistika u l-bejgħ bl-ingrossa tal-ikel fil-Lvant Nofsani.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqqा' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħbi ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien<sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħbi il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien”).

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 (“Avviż ta’ proċedura simplifikata”).

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6664 – Al Safi Danone/NDL International/ND Logistics LLC JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---